MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 64/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Mark Falzon (Id. 168576M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija, tlieta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€853.23) minghand il-konvenut, in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21227043. U peress illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, tlieta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€853.23), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------